# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 97

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

30 ta' Marzu 2020


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/455 tas-26 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1838 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fil-Baħar Baltiku u f'ilmijiet oħra, u r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmijiet tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni** ..... 1


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/456 tas-26 ta' Marzu 2020 li taħtar membru, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** ..... 11

★ **Deċiżjoni tal-kunsill (UE) 2020/457 tas-27 ta' Marzu 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tas-Serbja għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995** ..... 12

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/458 tas-27 ta' Marzu 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja** ..... 13


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2020/455

**tas-26 ta' Marzu 2020**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1838 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fil-Baħar Baltiku u f'ilmijiet oħra, u r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmijiet tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 [1] jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku. Dan jistabbilixxi perijodi ta' għeluq fiż-żmien riproduttiv għaż-żewġ stokkijiet ta' bakkaljaw tal-Baltiku. L-iżgurar ta' serje kronoloġika mhux interrotta ta' data komparabbli dwar l-istokkijiet tal-ħut huwa element essenzjali għall-valutazzjoni xjentifika ta' dawk l-istokkijiet. Għalhekk huwa xieraq li, matul il-perijodi tal-għeluq rispettiv, jitħallew isiru operazzjonijiet tas-sajd imwettqa esklużivament għall-fini ta' investigazzjonijiet xjentifiċi u f'konformità sħiħa mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1838 jiġi emendat skont dan.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 [3] jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Għandu jiġi ċċarat li r-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(6) ta' dak ir-Regolament japplikaw għas-sajd rikreattiv inkluż minn max-xatt.

(3) Fil-laqgħa annwali tagħhom f'Lulju 2019, il-Partijiet għall-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) iddeċidew dwar miżuri tas-sajd tal-qiegħ u dwar limitazzjoni tal-isforz tas-sajd fiż-żona tas-SIOFA. Dawk il-miżuri ġew implimentati fid-dritt tal-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) 2020/123. F'dik il-laqgħa f'Lulju 2019, il-Partijiet għas-SIOFA qablu wkoll dwar ħames żoni protetti proviżorji li fihom japplikaw regoli speċifiċi għall-bastimenti tas-sajd sabiex jiġu protetti l-ekosistemi bentiċi. Għaldaqstant, jenħtieġ li jsir aktar tibdil għal dak ir-Regolament biex jiġi żgurat li r-regoli ta' implimentazzjoni jirriflettu sew id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Partijiet għas-SIOFA.

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 tat-30 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 281, 31.10.2019, p. 1).

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

(4) Jenħtieġ li l-limiti tal-qbid għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u fis-subżona 4 tal-ICES jiġu emendati f'konformità mal-aħħar pariri xjentifiċi mill-ICES, maħruġa fis-27 ta' Frar 2019 u fis-27 ta' Frar 2020.

(5) Fil-laqgħa annwali tagħha f'Novembru 2019, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) iddeċidiet dwar obbligi ġodda ta' rappurtar għat-tonn tropikali. L-Istati Membri huma meħtieġa li jibagħtu data dwar il-qabdiet ta' kull xahar għall-bastimenti l-kbar tas-sajd bil-konzijiet (tul totali ta' 20 metru jew aktar) u għal bastimenti tas-sajd bit-tartarun li jistadu għat-tonn obeż (*Thunnus obesus)* u għat-tonna safra (*Thunnus albacares*) fl-Oċean Atlantiku. Meta l-qabdiet tat-tonn obeż jilħqu t-80 % tal-kwota, l-Istati Membri huma mitluba jibgħatu data dwar il-qabdiet għal dawk il-bastimenti kull ġimgħa.

(6) Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni billi jiġu emendati kif xieraq it-tabelli tal-qabdiet totali permissibbli (TAC) għat-tonn obeż u għat-tonna safra fl-Oċean Atlantiku stabbiliti fir-Regolament (UE) 2020/123.

(7) Il-limiti tal-isforzi tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT huma bbażati fuq informazzjoni pprovduta fil-kapaċità tas-sajd u fil-pjanijiet tat-trobbija għat-tonn (*Thunnus thynnus*) ikkomunikati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni. Dawk il-limiti tal-isforzi tas-sajd huma rrappurtati permezz tal-pjan tal-Unjoni approvat mill-ICCAT matul il-Laqgħa intersessjonali tal-Bord 2 li saret fil-5 u s-6 ta' Marzu 2020. Jenħtieġ li dawn jiġu stabbiliti bħala parti mill-opportunitajiet tas-sajd.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/123 jiġi emendat kif meħtieġ.

(9) Il-limiti tal-qbid previsti fir–Regolamenti (UE) 2019/1838 u (UE) 2020/123 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar il-limiti tal-qbid introdotti minn dan ir-Regolament emendatorju japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti.

(10) Ir-Renju Unit ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 130(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda tar-Regolament (UE) 2019/1838**

L-Anness tar-Regolament (UE) 2019/1838 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Emenda tar-Regolament (UE) 2020/123**

Ir-Regolament (UE) Nru 2020/123 jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 10 il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Fis-sajd rikreattiv, inkluż mix-xatt, fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES, kull sajjied jista' jaqbad u jżomm massimu ta' żewġ eżemplari ta' spnotta Ewropea kuljum. Id-daqs minimu tal-ispnott Ewropew miżmum għandu jkun ta' 42 cm. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal xbieki fissi, li ma jistgħux jintużaw biex jinqabad jew jinżamm l-ispnott Ewropew.";

b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 28a*

***Raj tal-qrun***

1. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistadu, iżommu abbord, jittrażbordaw, iħottu l-art, jaħżnu, joffru għall-bejgħ jew ibiegħu, kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa tar-raj tal-qrun (il-familja *Mobulidae* li tinkludi l-ġeneri *Manta* u *Mobula*), ħlief għal bastimenti tas-sajd li jwettqu sajd għall-għajxien (fejn il-ħut maqbud jiġi kkunsmat direttament mill-familji tas-sajjieda).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, ir-raj tal-qrun li jinqabad b'mod mhux intenzjonat permezz tas-s-sajd artiġjanali (sajd għajr dak bil-konzijiet jew sajd tal-wiċċ, jiġifieri tartaruni tal-borża, qasab u xlief, sajd bl-għeżula, bastimenti tax-xlief u tas-sajd bir-rixa, u li huma rreġistrati fir-reġistru ta' bastimenti awtorizzati tal-IOTC) jista' jinħatt l-art għal skopijiet ta' konsum lokali biss.

2. Il-bastimenti tas-sajd kollha, minbarra dawk li jwettqu sajd għall-għajxien, għandhom minnufih jirrilaxxaw ħaj u mingħajr ma ssirlu ħsara, sa fejn ikun prattikabbli, ir-raj tal-qrun hekk kif jidher fix-xibka, fuq is-sunnara, jew fuq il-gverta, u għandhom jagħmlu dan b'mod li jirriżulta fl-inqas ħsara possibbli lill-individwi maqbuda."

(c) l-Artikolu 30 jitħassar;

(d) "L-Annessi IA, ID, IK u VI huma emendati f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament."

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Marzu 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A.METELKO-ZGOMBIĆ

*ANNESS I*

L-Anness tar-Regolament (UE) 2019/1838 huwa emendat kif ġej:

1. In-nota 2 f'qiegħ il-paġna tat-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fis-subdiviżjonijiet 25-32 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

   "(2) Fis-subdiviżjonijiet 25 u 26, għandu jiġi pprojbit is-sajd ta' din il-kwota mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu.

   B'deroga mill-ewwel paragrafu, jistgħu jitwettqu operazzjonijiet tas-sajd li jsiru esklużivament għall-fini ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, bil-kondizzjoni li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità shiha mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

   B'deroga mill-ewwel paragrafu, dak il-perijodu tal-għeluq ma għandux japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' anqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bl-għeżula tat-tħabbil tal-qiegħ jew bil-pariti, inkella bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet (għajr il-konzijiet tal-wiċċ), bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew bi rkaptu passiv ieħor f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati fil-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-kaptani ta' dawk il-bastimenti tas-sajd għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru.";

2. In-nota 2 f'qiegħ il-paġna tat-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fis-subdiviżjonijiet 22-24 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

   "(2) Għandu jkun ipprojbit li jsir sajd għal din il-kwota fis-subdiviżjonijiet 22 u 23 mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu u fis-subdiviżjoni 24 mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju.

   B'deroga mill-ewwel paragrafu, jistgħu jitwettqu operazzjonijiet tas-sajd li jsiru esklużivament għall-fini ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, bil-kondizzjoni li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità shiha mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

   B'deroga mill-ewwel paragrafu, dak il-perijodu tal-għeluq ma għandux japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' anqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bl-għeżula tat-tħabbil tal-qiegħ jew bil-pariti, inkella bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet (għajr il-konzijiet tal-wiċċ), bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew bi rkaptu passiv ieħor f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati fil-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-kaptani ta' dawk il-bastimenti tas-sajd għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru.".

*ANNESS II*

L-Annessi IA, ID, IK u VI tar-Regolament (UE) 2020/123 huma emendati kif ġej:

1. Fl-Anness IA, it-tabella għaċ-ċiċċirell u l-qabdiet inċidentali assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES hija sostitwita b'din li ġejja:

| ”Speċi: | Ċiċċirell u qabdiet inċidentali marbutin miegħu<br>*Ammodytes spp.* | | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3a u 4 (1) |
|---|---|---|---|---|
| Danimarka | 215 863 | (2) | TAC analitika | |
| Renju Unit | 4 719 | (2) | Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 | |
| Ġermanja | 329 | (2) | Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 | |
| Żvezja | 7 926 | (2) | | |
| L-Unjoni | 228 837 | | | |
| TAC | 228 837 | | | |

(1) Għajr l-ilmijiet sa sitt mili nawtiċi mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, Fair Isle u Foula.

(2) Sa 2 % tal-kwota tista' tkun qabdiet inċidentali tal-merlangu u tal-kavalli (OT1/*2A3A4). Il-qabdiet inċidentali tal-merlangu u tal-kavalli magħduda mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet magħduda mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, flimkien, ma għandhomx jaqbżu 9 % tal-kwota.

Kondizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmijin hawn fuq, fiż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell li ġejjin, kif iddefiniti fl-Anness III, ma jistgħux jinqabdu iktar mill-kwantitajiet indikati hawn taħt:

Żona: L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell

| | 1r | 2r | 3r | 4 | 5r | 6 | 7r |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | (SAN/234_1R) | (SAN/234_2R) | (SAN/234_3R) | (SAN/234_4) | (SAN/234_5R) | (SAN/234_6) | (SAN/234_7R) |
| Danimarka | 107 525 | 59 106 | 11 702 | 37 365 | 0 | 165 | 0 |
| Renju Unit | 2 350 | 1 292 | 256 | 817 | 0 | 4 | 0 |
| Ġermanja | 164 | 90 | 18 | 57 | 0 | 0 | 0 |
| Żvezja | 3 948 | 2 170 | 430 | 1 372 | 0 | 6 | 0 |
| L-Unjoni | 113 987 | 62 658 | 12 406 | 39 611 | 0 | 175 | 0 |
| Total | 113 987 | 62 658 | 12 406 | 39 611 | 0 | 175 | 0”. |

2. L-Anness ID huwa emendat kif ġej:

   (a) it-tabella li tikkonċerna t-tonn obeż fl-Oċean Atlantiku hija sostitwita b'dan li ġej:

| ”Speċi: | Tonn obeż<br>*Thunnus obesus* | | Żona: | Oċean Atlantiku<br>(BET/ATLANT) |
|---|---|---|---|---|
| Spanja | 8 055,73 | (1) (2) | TAC analitika | |
| Franza | 4 428,60 | (1) (2) | Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 | |
| Portugall | 3 058,33 | (1) (2) | Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 | |

| ”Speċi: | Tonn obeż<br>*Thunnus obesus* | Żona: | Oċean Atlantiku<br>(BET/ATLANT) |
|---|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| L-Unjoni | 15 542,66 | (1) (2) |
| TAC | 62 500 | (1) (2) |

(1) Il-qabdiet tat-tonn obeż minn bastimenti tas-sajd bit-tartarun (BET/*ATLPS) u bastimenti tas-sajd bil-konzijiet b’tul totali ta’ 20 metru u aktar (BET/*ATLLL) għandhom jiġu rrappurtati b’mod separat.

(2) Minn Ġunju 2020 ’il quddiem, meta l-qabdiet jilħqu 80 % tal-kwota, l-Istati Membri huma meħtieġa jibagħtu l-qabdiet għal dawn il-bastimenti kull ġimgħa.”;

(b) it-tabella li tikkonċerna t-tonna safra fl-Oċean Atlantiku hija sostitwita b’dan li ġej:

| ”Speċi: | Tonna safra<br>*Thunnus albacares* | Żona: | Oċean Atlantiku<br>(YFT/ATLANT) |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| TAC | 110 000 | (1) | TAC analitika<br>Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96<br>Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 |

(1) Il-qabdiet tat-tonna safra minn bastimenti tas-sajd bit-tartarun (YFT/*ATLPS) u bastimenti tas-sajd bil-konzijiet b’tul totali ta’ 20 metru u aktar (YFT/*ATLLL) għandhom jiġu rrappurtati b’mod separat.”.

3. Fl-Anness IK tiżdied il-parti li ġejja:

”Żoni Protetti Proviżorji

Atlantis Bank

| Punt | Latitudni (S) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| 1 | 32° 00’ | 57° 00’ |
| 2 | 32° 50’ | 57° 00’ |
| 3 | 32° 50’ | 58° 00’ |
| 4 | 32° 00’ | 58° 00’ |

Coral

| Punt | Latitudni (S) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| 1 | 41° 00’ | 42° 00’ |
| 2 | 41° 40’ | 42° 00’ |
| 3 | 41° 40’ | 44° 00’ |
| 4 | 41° 00’ | 44° 00’ |

Fools Flat

| Punt | Latitudni (S) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| 1 | 31° 30’ | 94° 40’ |
| 2 | 31° 40’ | 94° 40’ |
| 3 | 31° 40’ | 95° 00’ |
| 4 | 31° 30’ | 95° 00’ |

Middle of What

| Punt | Latitudni (S) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| 1 | 37° 54’ | 50° 23’ |
| 2 | 37° 56.5’ | 50° 23’ |
| 3 | 37° 56.5’ | 50° 27’ |
| 4 | 37° 54’ | 50° 27’ |

Walter’s Shoal

| Punt | Latitudni (S) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| 1 | 33° 00’ | 43° 10’ |
| 2 | 33° 20’ | 43° 10’ |
| 3 | 33° 20’ | 44° 10’ |
| 4 | 33° 00’ | 44° 10’ |

4. L-Anness VI huwa sostitwit b’dan li ġej:

*”ANNESS VI*

**IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-ICCAT([1])**

1. L-għadd massimu ta’ dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta’ bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm fil-Lvant tal-Atlantiku

| | |
|---|---|
| Spanja | 60 |
| Franza | 55 |
| L-Unjoni | 115 |

1 In-numri fit-taqsimiet 1, 2 u 3 jistgħu jitnaqqsu sabiex ikunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tal-Unjoni, tas-sajd artiġjanali kostali, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm fil-Mediterran

| | |
|---|---|
| Spanja | 364 |
| Franza | 140 ([2]) |
| Italja | 30 |
| Ċipru | 20 ([1]) |
| Malta | 54 ([1]) |
| Portugall | 76 ([2]) |
| L-Unjoni | 684 |

([1]) Dan l-għadd jista' jiżdied jekk bastiment tas-sajd bit-tartarun jiġi sostitwit minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konzijiet f'konformità man-nota 2 jew 4 ta' qiegħ il-paġna tat-tabella A fis-sezzjoni 4.
([2]) Ikkomunikat fil-pjan tal-kapaċità nazzjonali bħala parti mill-kwota settorjali.

3. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' trobbija tal-ħut

| | |
|---|---|
| Kroazja | 18 |
| Italja | 12 |
| L-Unjoni | 28 |

4. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd ta' kull Stat Membru li jistgħu jkunu awtorizzati jistadu għat-tonn, iżommuh abbord, jittrasbordawh, jittrasportawh jew iħottuh l-art fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

*Tabella A*

| | Għadd ta' bastimenti tas-sajd ([1]) | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ċipru ([2]) | Greċja ([3]) | Kroazja | Italja | Franza | Spanja | Malta ([4]) | Portugall |
| Bastimenti tas-sajd bit-tartarun | 1 | 0 | 18 | 21 | 22 | 6 | 2 | 0 |
| Bastimenti tas-sajd bil-konzijiet | 27 ([5]) | 0 | 0 | 40 | 23 | 48 | 62 | 0 |
| Dgħajjes tas-sajd bil-lixka | 0 | 0 | 0 | 0 | 8 | 68 | 0 | 76 ([6]) |
| Xolfa tal-idejn | 0 | 0 | 12 | 0 | 47 ([7]) | 1 | 0 | 0 |
| Bastiment tat-tkarkir | 0 | 0 | 0 | 0 | 57 | 0 | 0 | 0 |
| Skala żgħira | 0 | 32 | 0 | 0 | 140 | 620 | 52 | 0 |
| Bastimenti artiġjanali oħrajn ([8]) | 0 | 61 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

([1]) In-numri f'din it-Tabella jistgħu jiżdiedu iżjed, sakemm ikunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.
([2]) Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konzijiet jew b'bastiment tas-sajd wieħed żgħir bit-tartarun u mhux aktar minn tliet bastimenti tas-sajd bil-konzijiet.
([3]) Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit minn mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konzijiet jew minn bastiment tas-sajd wieħed żgħir bit-tartarun u tliet bastimenti oħra tas-sajd artiġjanali.
([4]) Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit minn mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konzijiet.
([5]) Bastimenti polivalenti li jużaw tagħmir b'iktar minn irkaptu wieħed.
([6]) Dgħajjes tas-sajd bil-lixka tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Azores u Madeira.
([7]) Dgħajjes tas-sajd bil-lixka li joperaw fl-Oċean Atlantiku.
([8]) Bastimenti polivalenti li jużaw tagħmir b'iżjed minn irkaptu wieħed (konz, xlief, xlief bir-rixa).

5. L-għadd massimu ta' nases involuti fis-sajd tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran awtorizzat minn kull Stat Membru

| Stat Membru | Għadd ta' nases [1] |
|---|---|
| Spanja | 5 |
| Italja | 6 |
| Portugall | 2 |

[1] Dan l-għadd jista' jiżdied aktar, dment li jkun konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

6. Il-kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn għal kull Stat Membru u l-ammont massimu ta' tonn maqbud fis-selvaġġ li kull Stat Membru jista' jalloka lill-farms tiegħu fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

*Tabella A*

| Kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn | | |
|---|---|---|
| | Għadd ta' farms | Kapaċità (f'tunnellati) |
| Spanja | 10 | 11 852 |
| Italja | 13 | 12 600 |
| Greċja | 2 | 2 100 |
| Ċipru | 3 | 3 000 |
| Kroazja | 7 | 7 880 |
| Malta | 6 | 12 300 |

*Tabella B* [1]

| Ammont massimu ta' tonn maqbud fis-selvaġġ (f'tunnellati) | |
|---|---|
| Spanja | 6 300 |
| Italja | 3 764 |
| Greċja | 785 |
| Ċipru | 2 195 |
| Kroazja | 2 947 |
| Malta | 8 786 |
| Portugall | 350 |

[1] Il-kapaċità tat-trobbija ta' 500 tunnellata għall-Portugall hija koperta mill-kapaċità mhux użata tal-Unjoni mniżżla fit-tabella A.

7. Id-distribuzzjoni bejn l-Istati Membri u r-Renju Unit tal-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera jew ta' Stat Membru inkella tar-Renju Unit li huwa awtorizzat jistad għall-alonga tat-Tramuntana bħala speċi fil-mira f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 520/2007 għandha tkun kif ġej:

| Stati Membri u r-Renju Unit | Għadd massimu ta' bastimenti |
|---|---|
| Irlanda | 50 |
| Spanja | 730 |
| Franza | 151 |
| Renju Unit | 12 |
| Portugall | 310 |

8. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ta' mill-inqas 20 metru li jistadu għat-tonn obeż fiż-Żona ta' Konvenzjoni tal-ICCAT għandu jkun dan li ġej:

| Stat Membru | L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun | L-għadd massimu ta' bastimenti bil-konzijiet |
|---|---|---|
| Spanja | 23 | 190 |
| Franza | 11 | – |
| Portugall | – | 79 |
| L-Unjoni | 34 | 269" |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2020/456

**tas-26 ta' Marzu 2020**

**li taħtar membru, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Daniż,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Settembru 2015 u fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE, Euratom) 2015/1600 ([1]) u (UE, Euratom) 2015/1790 ([2]) li jaħtru l-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sa Mette KINDBERG, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sa Ulla Moth-Lund CHRISTENSEN, *Member of the Board of the Women's Council Denmark*, hija b'dan maħtura membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2020.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Marzu 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. METELKO-ZGOMBIĆ

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/1600 tat-18 ta' Settembru 2015 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020 (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 53).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/1790 tal-1 ta' Ottubru 2015 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020 (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 23).

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/457

## tas-27 ta' Marzu 2020

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tas-Serbja għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE ([1]) u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1995. Il-Konvenzjoni ġiet konkluża għal perijodu ta' tliet snin.

(2) Skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni, il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali jista' jestendi l-Konvenzjoni għal perijodi suċċessivi li ma jaqbżux is-sentejn f'kull okkażjoni. Mill-konklużjoni tagħha, il-Konvenzjoni ġiet estiża regolarment għal perijodi oħra ta' sentejn. Il-Konvenzjoni ġiet estiża l-aħħar permezz tad-deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fl-10 ta' Ġunju 2019 ([2]), u ser tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2021.

(3) Skont l-Artikolu 27(2) tal-Konvenzjoni, hija hi miftuħa għall-adeżjoni mill-Gvernijiet tal-Istati kollha taħt il-kundizzjonijiet li l-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali jqis xierqa.

(4) Fl-1 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew ta lis-Serbja l-istatus ta' pajjiż kandidat.

(5) Fit-23 ta' Jannar 2020, ir-Repubblika tas-Serbja applikat formalment għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni.

(6) Ir-Repubblika tas-Serbja hija produttur ewlieni taċ-ċereali, b'mod partikolari tal-qamħirrum.

(7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, peress li l-adeżjoni tas-Serbja hija fl-interess tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali għandha tkun li tapprova l-adeżjoni tar-Repubblika tas-Serbja għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2020.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. METELKO-ZGOMBIĆ

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE tad-19 ta' Diċembru 1995 dwar l-approvazzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 (ĠU L 21, 27.1.1996, p. 47).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/813 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 19).

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/458

## tas-27 ta' Marzu 2020

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 ([1]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.

(2) Fl-1 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1663 ([2]).

(3) Fid-dawl tal-instabbiltà kontinwa u l-gravità tas-sitwazzjoni fil-Libja, il-miżuri restrittivi fil-konfront ta' tliet persuni jenħtieġ li jiġu estiżi għal perijodu ulterjuri ta' sitt xhur.

(4) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 8(2) għandhom japplikaw fir-rigward tal-entrati 14, 15 u 16 fl-Anness II sat-2 ta' Ottubru 2020.

4. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 9(2) għandhom japplikaw fir-rigward tal-entrati 19, 20 u 21 fl-Anness IV sat-2 ta' Ottubru 2020.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2020.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. METELKO-ZGOMBIĆ

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK (ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1663 tal-1 ta' Ottubru 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU L 252, 2.10.2019, p. 36).

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT